**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Brian Muscat**

**Kumpilazzjoni Numru: 471/15**

**Illum, 13 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 58266M.

Akkuzat talli nhar l-24 ta' Lulju 2004, f'xi hin bejn is-7:30 p.m. u l-10:00 p.m., gewwa l-Hamrun:

1. Ikkommetta serq ta' gollerija u/jew oggetti ohra minn gewwa residenza 57, Triq Villambrosa, Hamrun liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' LM1,000 (€2,329.37), bil-Lok u bil-Hin ghad-detriment ta' Victor Goodlip u/jew ta' persuna, persuni, entita` u/jew entitajiet ohra.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex:

Titratta ma' Brian Muscat bhala **<u>recediv</u>** ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
Tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Rat l-atti tal-inkjesta redatta mill-Magistrat Miriam Hayman (951/05) datat tnax (12) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005);

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru elfejn u sittax u fejn huwa talab illi jithejja *Pre Sentencing Report* min-naha tal-*probation officer* imqabbad apposta;

Rat ir-rapport tal-*probation officer* Matthew Fleri Soler illi hejja r-rapport wara l-ammissjoni tal-imputat;

Illi f'dan ir-rapport gie konkluz illi:

> ***"Is-sitwazzjoni tal-ikkoncernat illum hija differenti hafna minn dik li kienet fiz-zmien fejn huwa wettaq ir-reat. Il-fatt illi huwa sofra amputazzjoni ta' sieq, filwaqt li f'Awwissu 2015 issottometta ruhu ghall-intervent kirurgiku delikat, huwa jirrikjedi attenjoni medika ta' spiss. Barra minnhekk, Muscat huwa mistenni li joqghod ghad-direttivi tal-awtoritajiet medici u dawk tal-habs sabiex huwa jkun jista' jirkupra mill-operazzjoni magguri. Muscat ghandu jkompli jindirizza wkoll l-aspett tad-droga minn gewwa l-habs hekk kif huwa naqqas id-doza tal-methadone sakemm eliminaha ghalkollox, u li dan ghandu jitqies bhala l-ewwel pass lejn ir-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju.***
>
> ***Fid-dawl tal-informazzjoni migbura qieghed umilment irrakomandat li Brian Muscat jinghata sentenza ta' Probation fil-massimu taghha sabiex huwa jkun mghejun jerga' jintegra ruhu***

> ***lura fis-socjeta' waqt perjodu l-habs. Din is-sentenza ghandha sservi wkoll sabiex issir supervizjoni fuq Muscat u jinghata l-ghajnuna sabiex ma jergax jaqa' fil-vizzju tad-droga."***

Din il-Qorti, filwaqt li qed tinnota li l-imputat huwa recidiv, pero` in vista tac-cirkostanzi elenkati mill-*Probation Officer* u in vista tal-fatt li l-gustizzja ghandha dejjem tkun wahda riparatorja, fejn huwa possibbli, u in vista tal-emiljorament tal-imputat tul dawn is-snin, qed taqbel mar-rakomandazzjonijiet indikati mill-istess *probation officer* u taghmilhom taghha.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261 (b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(2), 279(a), 280(2), 281, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda issib lill-imputat Brian Muscat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tpoggih taht Probation Order ghal zmien tliet (3) snin.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-Proceduri (Dok MGC) u dan ghas-somma ta' mija u sitta u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR186.52) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) xhur millum. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tibghat kopja tal-Ordni ta' Probation lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**